# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Gimgha 13 ta' Mejju 2022

KAWZA NRU : **6**

Rikors Nru. **40/2021 ISB**

**Oliver Mallia detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 414678M**

**Vs**

**Cinebiss Limited (C41776) u b'digriet tat-13 ta' Ottubru 2021, l-kumpannija Spira Trading Ltd (C22113) giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza in statu et terminis**

**Il-Qorti** :

Rat ir-rikors promotur ta' Oliver Mallia tal-14 ta' Mejju 2021 li permezz tieghu huwa talab illi :

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li jirriżultaw il-fatti u ċirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 214(2)(a)(i) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi li jeżistu wkoll raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpannija intimata skont l-Artikolu 214(2)(b)(iii) ta' l-istess Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Taħtar minnufih fil-mori ta' dawn il-proċeduri amministratur proviżorju sabiex jamministra l-affarijiet tas-soċjeta' intimata u dan taħt u skond id-dispożizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha opportun li tagħti;*

4. *Tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali tal-kumpannija intimata a tenur tal-Artikolu 214(2)(a)(i) u/jew tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

5. *Taħtar stralċjarju bis-setgħat kollha li jeħtieg sabiex jikkonduċi l-istralċ kif irid il-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta.*

   *Bl-ispejjez u b'riserva għal kwalsijasi azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti.*

U dan wara illi ppremetta:

1. *Illi l-esponenti huwa azzjonist tal-kumpannija intimata billi għandu mitejn u ħamsin (250) sehem ordinarju b'valur nominali ta' €2.329373 għal kull sehem, fully paid up.*

2. *Illi l-azzjonisti l-oħra tal-kumpannija intimata huma Spira Trading Limited (C 22113) illi ukoll għandha mitejn u ħamsin (250) sehem ordinarju b'valur nominali ta' €2.329373 għal kull sehem, fully paid up u Keith Schembri (331975M) illi għandu ħames mitt (500) sehem ordinarju b'valur nominali ta' €2.329373 għal kull sehem, fully paid up.*

3. *Illi kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, il-kumpannija intimata għandha tkun xolta stante illi n-negozju tal-kumpannija ilhu sospiż għal perjodu bla waqfien ta' iktar minn erbgħa u għoxrin (24) xahar, u ċioe' madwar għaxar snin, u dan ai termini tal-artikolu 214 (2)(a)(i) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. *Illi sa fejn huwa saput għall-esponenti, l-kumpannija intimata kellha diġa' tibda il-proċess ta' xoljiment volontarju iżda jidher*

*illi għalkemm kienet għaddiet riżoluzzjoni mill-membri kollha tal-kumpannija dwar ix-xoljiment tal-kumpannija, dan il-proċess baqa' ma bedhiex.*

5. *Illi kif ser jiġi ippruvat ukoll waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, hemm ukoll ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija intimata a tenur tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) ta' l-istess Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti kollha annessi mar-rikors promotur, elenkati f'sommarju OM1 man-nota tal-25 ta' Awissu 2021 (fol 389);

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Mejju 2021 minn fejn jirrizulta fost ohrajn illi l-procedura kienet appuntata ghas-smigh ghal nhar il-21 ta' Gunju 2021;

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat bl-atti promoturi fid-19 ta' Mejju 2021;

Rat l-affidavit ta' Oliver Mallia, ir-rikorrenti, bid-dokunenti mieghu annessi u pprezentat b'nota tal-11 ta' Gunju 2021 a fol 352 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Gunju 2021, minn fejn jirrizulta illi deher l-Avukat Shaun Zammit ghan-nom tal-azzjonista tas-socjeta' intimata Keith Schembri, li gharraf lill-Qorti illi peress illi l-istess Keith Schembri kien kolpit bi Freezing Order mahruga mill-Qorti Kriminali, allura Keith Schembri kien qed jitlob l-awtorizazzjoni ta dik il-Qorti sabiex tawtorizza l-istralc tas-socjeta` Cinebiss Limited. Gharraf lill-Qorti b'dan peress illi l-patrocinat tieghu, l-azzjonista Keith Schembri ma kellu ebda oggezzjoni illi jsir l-istralc tas-socjeta` msemmija;

Rat in-nota tar-rikorrent tal-25 ta' Awissu 2021 bid-dokument hemmek anness mmarkat DOK OM 2;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2021 minn fejn jirrizulta illi d-difensuri tal-azzjonista fil-kumpannija intimata Keith Schembri, in kwantu kolpit bi Freezing Order, xtaq illi qabel ma' din il-Qorti taghti kwalsiasi provvedimenti, tkun notifikata l-Asset Recovery Bureau;

Rat illi l-Asset Recovery Bureau kienet notifikata fit-22 ta' Ottubru 2021 (vide riferta a tergo fol 406);

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Dicembru 2021 minn fejn jirrizulta illi xehed rapprezentant tal-Malta Business Registry, l-Avukat Claudette Fenech;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Marzu 2022 minn fejn jirrizulta illi s-socjeta` intimata Cinebiss Limited kienet qed titqies di stat ta' kontumaci peress illi ma ressqet ebda risposta;

Rat illi fl-istess seduta, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx provi xi jressqu u awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-azzjoni li qieghed iressaq ir-rikorrenti Oliver Mallia hija bbazata fuq l-artikoli 214(2)(a)(i) u 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi bir-rikors promotur tieghu, **ir-rikorrent** jsostni illi huwa socju fil-kumpannija intimata Cinebiss Limited b'250 sehem ordinarju, filwaqt illi Spira Trading Limited tiddettjeni ukoll 250 sehem ordinarju u Keith Schembri jiddettjeni l-bqija, ossia, 500 sehem ordinarju – kollha *fully paid up*.

Illi r-rikorrent ighid illi l-kumpannija ilha ma topera ghal diversi snin, madwar ghaxar snin, u ghalhekk tikkwalifika biex tigi xjolta ai termini tal-artikolu 214(2)(a)(i) tal-Kap 386. Ulterjorment jinvoka l-artikolu 214(2)(b)(ii) peress illi jsostni illi hemm ragunijiet gravi bizzejjed illi jiggustifikaw ix-xoljiment.

Illi bl-affidavit tieghu, ir-rikorrent ikompli ighid illi l-kumpannija Cinebiss Limited twaqqfet fis-sena 2007 izda ilha ma tkun attiva sa mis-sena 2009. Jghid illi fis-sena 2010 kien irrezenja minn direttur u anke offra l-ishma tieghu b'xejn lill-azzjonisti l-ohra, izda ma ntlahaqx ftehim. Jghid illi bejn is-sena 2010 u 2018 ma kien hemm ebda komunikazzjoni bejn l-azzjonisti u huwa stess kien kellem lill-Awditur Brian Tonna sabiex jkellem lill-azzjonijisti l-ohra biex il-kumpannija tigi xjolta – izda qatt ma sar xejn.

Ir-rikorrenti jaghmel referenza ghal sensiela ta' avvenimenti illi wassluh sabiex fis-sena 2018 jitlob lill-Awditur jikkomunika mas-socji l-ohra bl-intiza illi l-kumpannija tigi xjolta, u b'email tal-20 ta' Frar 2018, (DOK D), l-Awditur ikkonferma illi kien hemm il-qbil ta' kulhadd ghax-xoljiment tal-kumpannija. Jispejga illi f'Jannar 2019 ittiehdet rizoluzzjoni sabiex il-kumpannija tigi xjolta u nhatar likwidatur, Robert Zammit. B'dana kollu dan

Robert Zammit ma kien kien formalment registrat bhala likwidatur mal-Malta Business Registry.

Ir-rikorrent ighid illi kien hemm hlasijiet ta' penali li kellhom isiru u l-accounts ghax-xoljiment baqghu qatt ma saru peress illi dawn il-penali baqghu ma thallsux.

Jispjega illi ftit qabel beda dawn il-proceduri, Keith Schembri kien akkuzat fil-Qorti b'diversi reati relatati ma' hasil ta' flus u jsostni illi l-fatt illi huwa jinsab assocjat ma' persuni li huma akkuzati b'diversi reati qed tkun ta' pregudizzju ghalih fir-relazzjonijiet tieghu mal-Banek li huwa juza ghal finijiet ta' transazzjonijiet personali u kummercjali.

Ir-Rikorrent jipprezenta, fost dokumentazzjoni ohra, rapport ta' **Aegis Corporate Services Limited** (DOK OM2 – fol 392) li jaghti stampa cara tal-istat pjuttost prekarju illi l-kumpannija thalliet fih. Ir-rapport jikkonkludi illi mid-draft financial statements tal-kumpannija u mit-tax returns ghas-snin 2008 sa 2017, wiehed jista' jikkonkludi illi l-kumpannija waqqfet l-operat taghha fis-sena 2009 u mis-sena 2010 il-kumpannija kellha biss spejjes amministrattivi. Jghid ukoll illi jirrizulta illi mis-sena 2012 "*the financial statements were being prepared on a break-up basis instead of a going concern basis since the company was no longer trading*".

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-bqija tal-azzjonisti huma ta' l-istess hsieb tar-rikorrenti, fis-sens illi ma jirrizultax illi hemm oggezzjoni da parti tal-azzjonisti l-ohra sabiex din il-kumpannija Cinebiss Limited tigi xjolta.

Illi **Dr Claudette Fenech**, in rapprezentanza tal-Malta Business Bureau u mistoqsija jekk il-kumpannija Cinebiss Limited kinitx of *good standing* tghid:

> *Jekk good standing tfisser in regola mal-Att dwar il-Kumpanniji, <u>le</u>, ghax l-accounts ma gewx. Jista' jkun illi fosri hemm xi multi pendent f'dak il-kaz ghax l-accounts ma dahhlux.*

Tikkonferma ukoll illi accounts qatt ma gew pprezentati.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-Artikolu 214(2)(a)(i) u 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386, li fuqhom hija msejjsa din l-azzjoni ighidu precizament hekk:

*Kumpanija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata fil-każijiet li ġejjin -*

*(i) jekk in-negozju tal-kumpanija jkun sospiż għal perjodu bla waqfien ta' erbgħa u għoxrin xahar;*[1]

*(iii) il-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija;*[2]

Ir-rikorrent jibbaza l-azzjoni tieghu u t-talba tieghu ghax-xoljiment u l-stralc tal-kumpannija Cinebiss Limited (C-41776) fuq dawn iz-zewg provvedimenti tal-ligi. Jekk il-Qorti jidhrilha illi wahda biss miz-zewg elementi tissussisti, allura jkun bizzejjed biex tintlaqa' l-ewwel jew it-tieni talba tar-rikorrenti skond il-kaz.

B'dana kollu, gja la darba ir-rikorrent qed iressaq l-ewwel zewg talbiet tieghu fuq il-kapijiet separati tal-ligi kif hawn fuq kkwotati, il-Qorti sejra tistharreg u tiddeciedi dwar iz-zewg bazijiet tat-talbiet tar-rikorrent.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(i), l-element li jrid jigi ppruvat hu illi l-kumpannija ghaddiet minn perjodu ta' almenu erba' u ghoxrin xahar bin-negozju sospiz.

Il-Qrati taghna gja kellhom opportunita' jesprimu ruhu dwar dan.

Inghad:

*Ir-rekwizit tad-disposizzjoni huwa s-sospensjoni tan-negozju tal-kumpannija ghal perijodu bla waqfien ta` erbgha u ghoxrin (24) xahar. Ir-rekwizit huwa materja ta` fatt.*[3]

Mill-provi prodotti kif hawn fuq esposti in sintezi, inoltre' mhux ikkontestati mill-partijiet l-ohra, il-Qorti hija tal-fehma illi l-kumpannija ilha ma topera sa mis-sena 2009 u anki kien hemm diskussjonijiet ghax-xoljiment tal-

[1] Art. 214(2)(a)(i) tal-KAP 386
[2] Art. 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386
[3] 70/2020JZM **Nasell Aviation Ltd vs X** u 26/2019JZM **Ruben J. Bajada vs Grifo Malta Ltd** it-tnejn decizi 25.02.2021

kumpannija sa mis-sena 2012 li pero` ma jidher illi qatt wasslu ghal decizjonijiet konkreti.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi dan ir-rekwizit, b'mod fattwali, gie ppruvat u huwa legittimu illi r-rikorrent jitlob ix-xoljiment tal-kumpannija Cinebiss Limited.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

In kwantu ghat-tieni bazi fuq liema r-rikorrent qed jitlob ix-xoljiment u l-konsegwenti stalc tal-kumpannija, ossia illi l-qorti ghandha tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija, il-Qorti tikkonkludi illi dan qed jinghad u jintalab mir-rikorrenti peress illi in segwitu ghall-akkuzi mahruga kontra s-socju li jiddettjeni hamsin fil-mija tal-ismha fil-kumpannija de quo, relatati ma' hasil ta' flus, ir-rikorrent beda jbati minn dak li huwa jsejjah "*pregudizzju*" mal-Banek li huwa juza' ghal transazzjonijiet personali u ta' kummerc.

Filwaqt illi r-rikorrent naqas milli jgib xi provi ulterjuri ghal dak li qed jinghad fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, b'dana kollu l-Qorti tqis illi huwa, anzi ghandu jitqies tassew verosimili illi gara dan. Ghal din il-Qorti, is-serjeta' tal-Bank kummercjali Maltin fl-isfond ta' allegazzjonijiet ta' hasil ta' flus ghandha tkun rigoruza u assoluta u allura mhix sorpriza illi l-Bank jiehu atteggjament partikolari fil-konfront ta' min ikun socju f'kumpannija ma' persuna illi tigi akkuzata b'hasil ta' flus u fejn il-kumpannija tigi soggetta ghall-*freezing order*.

Dan jinghad dejjem b'rispett shih lejn zewg principji importanti (a) id-dritt lil kull min jigi akkuzat b'reat jibqa' jitqies innocenti sakemm, jekk ghandu hekk ikun, jinstab hati u (b) illi ebda persuna innocenti ma ghandha ssofri ebda pregudizzju minhabba agir ta' terzi, bhal ma huma socji f'kumpannija illi ma jkunu implikati f'xejn imma sempliciment jkunu iridu jaghmlu negozju onest ma' persuni illi jkunu hekk akkuzati b'reati relatati ma' hasil ta' flus, jew reati ohra u dan **wara** illi jkunu dahhlu fit-transazzjonijiet kummercjali ma' tali individwi.

Din il-Qorti tiehu b'serjeta' kbira kwistjonijiet jew allegazzjonijiet ta' hasil ta' flus u kif gja kellha l-opportunita' tesprimi ruha f'sentenzi ohra – tadotta *zero tolerance policy* fejn jirrizultalha illi jkun hemm kaz jew jimmerita investigazzjoni dwar allegat hasil ta' flus.

Hawnekk u bil-provi mressqa f'dan il-kaz, il-Qorti mhux ser taghmel xi ezercizzju ta' din in-natura ghaliex ma jirrizultix illi din il-kumpannija Cinebiss Limited u/jew xi hadd mill-azzjonisti jew ufficjali taghhha involvew ruhom b'din il-kumpannija f'xi attivita' skorretta jew illecita.

Dawn il-konsiderazzjonijiet qed isiru biss sabiex il-Qorti tevalwa jekk il-kumpannija *de quo* timmertax illi tigi xjolta u konsegwentament stralcjata ukoll a bazi ta' dak pretiz mir-rikorrent, ossia illi hemm ragunijiet gravi bizzejjed fil-ligi biex isir dan.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Din il-Qorti, diversament preseduta, stqarret hekk[4]:

> *Skont din id-disposizzjoni, kumpannija* ***ghandha*** *tkun xjolta jekk il-qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet* ***gravi bizzejjed****.*
>
> *Il-ligi thalli lill-qorti* ***diskrezzjoni wiesa`*** *sabiex tistabilixxi hi jekk fil-fehma taghha jirrizultawx fatti u cirkostanzi "****gravi bizzejjed****".*
>
> *Jekk tistabilixxi l-gravita`, allura minn hemm `il quddiem, il-qorti ma jkollhiex aktar diskrezzjoni u tkun obbligata taghmel id-dikjarazzjoni ta` xoljiment u konsegwenti stralc tal-kumpannija.*
>
> *Il-ligi ma taghti l-ebda tifsira ta` x`inhuma "ragunijiet gravi bizzejjed".*
>
> *Ghalhekk il-qorti m`ghandha tiskarta xejn.*
>
> *Il-qorti m`ghandhiex toqghod fuq grajjiet li jkun sehhew sad-data tal-presentata tar-rikors promotur tal-azzjoni, izda ghandha taghti piz ukoll ghal kull ma jigri anke wara sa meta tigi biex taghti d-decizjoni taghha.*
>
> *F`****Sec 122 tal-Insolvency Act 1986 tal-Ingilterra****, tirrizulta lista ta` cirkostanzi li jwasslu ghax-xoljiment u ghall-istralc ta` kumpannija.*
>
> ***Tajjeb jinghad illi fl-Insolvency Act 1986 ma hemmx disposizzjoni bhall-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386. Il-wahda li tqarreb l-aktar lejha hija Sec. 122(1)(g)*** *li tghid illi : the court is of the opinion that it is* ***just and equitable*** *that the company should be wound up.*
>
> *Huwa evidenti anke mad-daqqa t`ghajn li d-disposizzjoni fil-ligi taghna hija* ***aktar stretta*** *fis-sens illi fil-kaz taghna l-qorti ghandha*

[4] 10/2019JZM **Dr Peter Fenech noe vs STK Europe Limited** deciza 14.10.2020

> *xxolji u tistralcja meta fil-fehma taghha ikunu jirrizultaw ragunijiet gravi bizzejjed, mentri fil-ligi Ingliza, il-kriterju li fuqu l-qorti trid tibni l-fehma taghha huwa dak tal-gustizzja u l-ekwita`. L-istrettezza tad-disposizzjoni fil-ligi taghna taghmel hafna sens anke ghaliex jekk il-qorti tesprimi l-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed, allura minn hemm tkun obbligata tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija.*
>
> *Il-qorti tghid li r-riferenza ghal Sec 122(1)(g) tal-Insolvency Act 1986 hija utili ghaliex il-linja li hadu l-qrati Inglizi biex ighidu x`ghandhom ifissru just and equitable ghall-fini ta` winding up ta` kumpannija jghin sabiex jiftah tieqa ghall-qrati taghna fl-interpretazzjoni taghhom x`jistghu jkunu ragunijiet gravi bizzejjed.*
>
> *Ghax kull kaz ghandu l-istorja tieghu, il-qorti trid tibni l-fehma taghha fuq il-fatti u cirkostanzi ta` kull kaz.*

Mill-provi jirrizulta illi r-rikorrenti, gja minn zmien ilu, kien talab lill-Awditur tal-kumpannija, Brian Tonna, sabiex jara jekk is-socji l-ohra kienux interessati illi jixtru l-ismha tieghu. Dan ma mmaterjalizzax.

Jirrizulta ukoll illi gja minn zmien ilu, bejn is-socji tal-kumpannija de quo, kien hemm xi forma ta' intendiment illi jxolju l-kumpannija. Anke l-*financial statements* kienu qed jirriflettu dan. Dan ukoll ma mmaterjalizzax.

Il-Qorti tifhem illi minkejja dawn it-tentattivi kollha sabiex din il-kumpannija tghaddi mill-mewta naturali taghha, hadd mill-partijiet interessati ma wasal biex ha il-pass illi ha r-rikorrenti llum. Sakemm ir-rikorrent jidher illi ghaddha minn esperjenza partikolari – esperjenza li huwa jsejjah "*pregudizzju*" ma' Banek lokali fit-transazzjonijiet personali u kummercjali tieghu minhabba l-fatt illi socju iehor fl-istess kumpannija kien mressaq quddiem il-gustizzja biex jirrispondi ghall-akkuzi relatati ma' hasil ta' flus.

Il-Qorti tqis illi:

Meta persuna fizika tissieheb ma' persuni ohra fil-formazzjoni ta' assocjazzjoni kummercjali kwalsiasi bil-ghan illi jsir negozju jew kummerc, hemmek tinbet responsabbilita' kbira fuq spallejn kull min ikun issieheb.

Persuna illi tkun fil-kummerc u msiehba ma' terzi f'kumpanniji kummercjali, u allegatament tinvolvi ruha f'attivita' kummercjali illecita, jew attivita' ta' hasil ta' flus, jew b'mod iehor allegatament tinvolvi ruhha f'reati ekonomici, ghandha tifhem li hija tkun qeghda tippregudika u taghmel

hsara mhux biss lilha nniffsha, lir-reputazzjoni taghha, lill-istima taghha fil-kamp kummercjali, lin-negozju taghha, imma wkoll tista' tippregudika jew tohloq problemi lill-persuni li jistghu jkunu fin-negozju maghha u lill-kumpannija illi tkun qeghda tigi gestita flimkien ma' haddiehor.

Fl-ambjent kummercjali, lokali u mondjali, illi qeghdin nghixu fih, huwa legittimu, anzi mistenni, illi bank kummercjali jindaga ftit dwar l-operat tal-klijenti taghhom. Aktar u aktar meta jkun hemm ness, zghir jew kbir, ta' klijent tieghu ma' attivita' allegatament kriminali jew ma' persuna illi allegatament ikun wettaq tali reat. Is-serjeta' ta' Bank kummercjali fl-ambitu tal-kummerc u s-servizzi finanzjarji nadif, hekk jitlob.

Hekk gara f'dan il-kaz, fejn ir-rikorrent huwa socju f'kumpannija ma' persuna illi tressqet b'akkuzi serji ta' hasil ta' flus. Mhux biss, imma kif anke jirrizulta mill-atti, il-kumpannija *de quo* nqabdet fl-ordni ta' iffrizar illi l-Qorti kompetenti ghogobha tordna.

Filwaqt illi persuna innocenti ma ghandu jsofri ebda pregudizzju, b'dana kollu, anke ghaliex ir-rikorrent ma elaborax, jista' huwa il-kaz illi l-fatt biss illi l-Bank indaga mar-rikorrent, ir-rikorrent hassu "*pregudikat*".

Hu x'inhu l-kaz, jibqa' l-fatt illi ghar-rikorrent dan kien bla bzonn, ghaddha minnhu biss peress illi huwa socju f'kumpannija fejn hemm socju iehor akkuzat b'reati ta' hasil ta' flus, u dan, ir-rikorrent la ghandu x'jambih u wisq anqas bzonnu.

Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis illi sitwazzjoni bhal dan tista' u ghandha titiqes bhala raguni gravi bizzejjed biex fin-nuqqas ta' mod kif is-socju rikorrent jista' jiddisponi mill-ismha tieghu, ikollu jirrikorri ghall-procedura bhal dik odjerna.

Ir-responsabbilita' ta' kull ufficjal ta' kull kumpannija, mhux lanqas tas-socji, twassal ukoll ghal dan – ir-responsabbilita' lejn is-shab tieghu fin-negozju u lejn il-kumpannija nniffisha. Kull ufficcjal ta' kull kumpannija, mhux lanqas is-socji, dan ghandhom jifmuh u jzommuh quddiem ghajnejhom f'kull decizjoni illi jaghmlu u jiehdu. Altrimenti, tkun qed titnawwar il-fiducja mistennija bejn is-shab f'kumpannija u titnaqqar ir-*raison d'etre* ghaliex tnejn minn nies jew aktar jinghaqdu f'assocjazzjoni bhal ma hi kumpannija kummercjali sabiex iressqu l-quddiem l-ghanijiet kummercjali taghhom.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, il-Qorti qeghda tiddeciedi billi :

1. **TILQA'** l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi illi jirrizultaw il-fatti u c-cirkostanzi komtemplati fl-Artikolu 214(2)(a)(i) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. **TILQA'** t-tieni talba u tiddikjara u tiddeciedi illi jezistu ukoll ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-konsegwenti stralc tal-kumpannija intimata skont l-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. **TASTJENI** milli tipprovdi dwar it-tielet talba peress illi fid-dawl ta' dak hawnekk deciz tqis tali talba superfluwa;

4. **TILQA'** r-raba' talba u tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralc tal-kumpannija **Cinebiss Limited (C-41776)** b'effett mill-llum u dan ai termini tal-Artikolu 223(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. **TILQA'** l-hames talba tar-rikorrent u:

   a) <u>Tahtar</u> lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju.

   b) <u>Taghti</u> lill-istralcarju s-setghat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.

   c) <u>Tordna</u> illi, wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija de quo, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghmel rapport lill-Qorti ai termini tal-artiklu 227 tal-istess KAP 386.

   d) <u>Tordna</u> illi jaghmel il-verifiki kollha necessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija de quo u jekk ikun il-kaz, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

   e) <u>Tawtorizzah</u> illi jaghmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proceduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpannija de quo.

   f) <u>Tordnalu</u> jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' ghandha,

g) Tawtorizzah minn issa sabiex jiehu dawk il-passi legali kollha opportuni mal-Asset Recovery Bureau.

h) Tordna lill-istralcjarju sabiex jipprezenta rapport tal-hidma tieghu sa l-udjenza illi jmiss.

Bl-applikazzjoni tal-**Art 236(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta**, tordna li l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, inkluzi l-ispejjez kollha tal-istralc komprizi l-ispejjez u d-drittijiet tal-istralcjarju, ghandhom jithallsu mir-rikorrent noe. u mill-kumpannija ntimata flimkien u in solidum bejniethom.

L-istralc issa qieghed jigi differit skond il-verbal tal-udjenza tal-llum ghar-rapport inizjali tar-Ricevitur Ufficjali.

**Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**